Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 2/14AE

**Owen Schembri (ID 887M)**

**Vs**

**Nylon Knitting Limited (C401)**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016

Permezz ta' decizjoni li nghatat mit-Tribunal Industrijali fit-28 ta' Jannar 2014, gie deciz li kienet ingusta t-tkeccija tar-rikorrent mill-impjieg li kellu mal-intimat, u kkundannaha thallas lir-rikorrent is-somma ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) bhala kumpens.

Ir-rikorrent appella mis-sentenza u talab lil din il-qorti sabiex tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu gie dikjarat li t-tkeccija mill-impjieg kienet ingusta, thassar dik il-parti li biha t-Tribunal illikwida s-somma ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) bhala kumpens dovut lir-rikorrent u minflok tillikwida kumpens li jirrifletti dawk il-fatturi kollha stabbiliti fl-artikolu 81(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lis-socjeta' appellata thallas tali kumpens hekk likwidat lill-appellanti.

L-appellata wiegbet li fl-ewwel lok ma hemmx punt ta' dritt deciz fid-decizjoni appellata illi jista' jifforma l-mertu ta' appell u dan fid-dawl tal-provvediment tal-Kap 452 illi jillimitaw d-dritt ta' appell ghal appell dwar punt ta' dritt u dan fid-dawl tal-fatt illi t-Tribunal Industrijali ma ddecieda ebda punt ta' dritt izda biss ezercitata l-funzjoni statutorja tieghu. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-iffissar ta' kumpens mhuwiex aspett sindakabbli minn din l-Onorabbli Qorti kif ga indikat minn din il-Qorti diversament preseduta f'numru ta' sentenzi.

Il-Qorti wara li rat l-atti, tosserva:-

1. Skond l-artikolu 82(3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452) tal-Ligijiet ta' Malta:-

   *"Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal:*

*Iżda meta jsir appell lill-Qorti tal-Appell, u waħda mill-partijiet titlob li l-appell jiġi dikjarat null u bla effett minħabba f'li ma kienx bbażat fuq punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal jew li l-appell huwa null u bla effett fil-liġi għal kull raġuni oħra tkun li tkun, dak l-appell għandu jintbagħat mir-Reġistratur lill-Qorti tal-Appell biex jingħata digriet in camera dwar l-ammissibilità jew xort'oħra tal-appell."*

2. L-aggravju hu bazat fuq jekk meta kkwantifika l-kumpens dovut lill-appellanti, it-Tribunal ikkunsidrax il-fatturi li jissemmew fl-artikolu 81(2) tal-452. L-imsemmi artikolu jipprovdi:-

   *(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*

   *Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem;*

3. L-appellant ikkritika n-nuqqas ta' motivazzjoni fid-decizjoni dwar il-kumpens likwidat mit-Tribunal. Hu minnu li t-Tribunal ma spjegax kif wasal biex jillikwida s-somma ta' €4,500. Dwar hlas ta' kumpens f'kaz ta' tkeccija ngusta mill-impieg, din il-qorti[1] osservat:

   *"Ibda biex il-ligi specjali applikabbli ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruhha fil-proviso ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att biex tippreciza certi kriterji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-istabilizzar ta' l-ammont tal-kumpens. Jigifieri "it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta, kif ukoll cirkustanzi ohra, inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-impjieg ta' dak il-haddiem";*

   *Minn dan hu dezumibbli li l-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias.* ***Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena accennat*"*.*

[1] (Imhallef P. Sciberras), **Peter Spiteri vs Xuereb Glass Co. Ltd**, 10 ta' Ottubru 2005. Kienet l-appellata li rreferiet ghal din is-sentenza.

Hu evidenti li f'dan il-kaz it-Tribunal qabad u *arbitrio boni viri* ffissa somma minghajr ma qies dak li jinghad fil-*proviso* tal-Artikolu 81(2) tal-Kap. 452. Qieghed jinghad hekk ghaliex ma jirrizultax li f'dan ir-rigward instemghu provi. Biex it-Tribunal jillikwida kumpens fit-termini tal-Artikolu 81(2) bilfors irid ikun sema' provi fir-rigward tal-indikaturi li skond il-ligi t-Tribunal irid jiehu in konsiderazzjoni meta jillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-impiegat[2] . Hekk per ezempju m'hemmx provi dwar il-qligh li kellu mill-impieg, jekk wara li tkecca kienx sab xoghol iehor, u cirkostanzi rilevanti ohra. Dan ifisser li t-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jillikwida kumpens fit-termini tal-Artikolu 81(2) u ghalhekk l-ammont ta' kumpens li gie likwidat ma kienx bil-mod kontemplat fil-ligi. Ghall-qorti m'hemmx dubju li dan hu punt ta' dritt li l-appellant kellu jedd li jappella dwaru. Fir-rikors promotur ir-rikorrent talab:-

*"Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li dan it-Tribunal joghgbu jisma' dan il-kaz tat-tkeccija tieghu mill-impieg u jaghti provvediment skond il-ligi, inkluz li jikkundanna lill-kumpannija intimata taccetta lill-esponenti lura ghax-xoghol u jikkundanna lill-istess kumpannija thallas lill-esponenti dak il-kumpens li t-Tribunal jidhirlu xieraq"*.

Ladarba t-Tribunal ordna li jithallas kumpens, hu evidenti li ma kienx tal-fehma li kien floku li jaghmel ordni li r-rikorrent jerga' jidhol fl-impieg. Pero' l-kumpens kellu jigi likwidat a bazi tal-kriterji li jissemmew fl-Artikolu 81(2). Haga li ma setatx issir ghaliex ma tressqux provi. Fic-cirkostanzi l-aggravju tal-appellant hu gustifikat ghaliex il-kumpens ma giex likwidat a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 81(2). Dan hu punt ta' dritt. Fic-cirkostanzi l-atti ser jintbaghatu lura lit-Tribunal sabiex jillikwida l-kumpens skond l-imsemmi provvediment, wara li jisma' l-provi li hemm bzonn.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-aggravju tal-appellant u:**

1. **Tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta' Jannar 2014 fis-sens li thassarha f'dik il-parti fejn it-Tribunal illikwida kumpens ta' €4,500. Tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fir-rigward tal-kumplament.**
2. **Tordna li l-atti jintbaghatu lura lit-Tribunal Industrijali sabiex jillikwida l-kumpens dovut lill-appellant u li ghandu jigi likwidat a bazi tal-Artikolu 81(2) tal-Kap. 452 wara li jingabru l-provi li hemm bzonn biex it-Tribunal japplika l-kriterji li jissemmew fl-istess provvediment.**

[2] F'sentenza ta' din il-qorti (Imhallef P. Sciberras) fil-kaz **Saviour Sammut vs Auto Sales Limited**, 19 ta' Ottubru 2005, inghad: *"Fl-Artikolu 81(2)(a) tal-Kapitolu 452 il-ligi tipprovdi indikaturi ta' dak li t-Tribunal kellu jiehu in konsiderazzjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens imma baghad thalli f'idejn l-istess Tribunal li hekk jillikwida u jiddetermina l-istess kumpens"*.

**Spejjez tal-appell a karigu tas-socjeta appellata**.

Anthony Ellul.